

Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9202/26

CULT 71	EMPL 113
AUDIO 70	GENDER 35
CULT HERIT 13	DIGIT 135
EDUC 160	TOUR 26
JEUN 75	MI 465
COMPET 563	ENV 502
SAN 298	PROCIV 96
DISINFO 41	RECH 219
RELEX 648	NDICI 14
FREMP 167	FIN 675
AG 74	

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta dwar "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa" - Approvazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' "Dikjarazzjoni Konġunta 'L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa'" ("Dikjarazzjoni Konġunta")¹ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. L-għan ta' din id-Dikjarazzjoni huwa li tiżgura impenn politiku msaħħaħ fil-kultura, fi ħdan ir-rwoli u l-kompetenzi rispettivi ta' kull istituzzjoni.

¹ dok. 15410/25 ADD 2

2. Fl-1 ta' April, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti awtorizza lill-Presidenza tibda diskussjonijiet interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni abbażi tat-test kif jinsab fid-dokument 7663/26 REV 1, wara l-eżami tiegħu fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali (CAC) fil-21 ta' Jannar 2026 u s-17 ta' Frar 2026.
3. Saru erba' laqgħat interistituzzjonali biex jiġi diskuss it-test tad-Dikjarazzjoni, tlieta fil-livell tekniku (22 ta' April, 4 ta' Mejju, 6 ta' Mejju 2026) u waħda fil-livell politiku (18 ta' Mejju 2026 fi Strażburgu) fejn intlaħaq ftehim politiku proviżorju mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Il-kompromess li nstab qiegħed fl-Anness.
4. Id-Dikjarazzjoni Konġunta issa għandha tiġi ffirmata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

II. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:

- jikkonferma l-ftehim; u
- jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - japprova t-test għal "Dikjarazzjoni Konġunta 'L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa'" kif jinsab fl-Anness; u
 - jawtorizza lill-Presidenza tiffirma d-Dikjarazzjoni f'ismu.

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta

"L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa"

Preambolu

Billi:

- a) L-Ewropa hija kontinent ta' arti, kultura u kreattività bla limitu u ta' wirt kulturali u ta' storja għonja. Id-diversità u l-vivaċità kulturali tal-Ewropa, xprunati mill-eċċellenza tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi tagħha, huma fundamentali għall-valuri u għall-identità tal-UE, irawmu sens Ewropew ta' appartenenza u identità Ewropea kondiviża, u demokrazija msaħħa.
- b) Is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi huma setturi ekonomiċi dinamiċi. Dawn jinkludu l-forom kollha ta' espressjoni u manifestazzjoni relatati mal-arti, il-kultura u l-wirt kulturali, kif ukoll l-awdjoviżiv u l-media. Dawn jirrappreżentaw riżorsa strateġika għall-kompetittività u għall-koeżjoni tal-Ewropa, jiġġeneraw tkabbir ekonomiku u effetti konsegwenzjali pożittivi fis-setturi u fit-territorji kollha, joħolqu impjiegi kwalifikati, u jikkontribwixxu għall-vantaġġ kreattiv u innovattiv tal-UE.
- c) Il-kultura u l-wirt kulturali jirfdu l-valuri ewlenin li hija msejsa fuqhom l-UE – ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem (l-Artikolu 2 TUE) – u jinkorporaw il-motto "Magħquda fid-diversità". L-oġġettiv ġenerali tal-UE fil-qasam tal-kultura huwa li tirrispetta u li tippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika għanja tagħha; li tiżgura li l-wirt kulturali Ewropew jiġi ssalvagwardat u msaħħa; u li tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (l-Artikolu 3 TUE, l-Artikolu 167 TFUE), u b'hekk jiġu appoġġati l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kultura.

- d) Il-kultura u l-wirt kulturali joħolqu spazju fejn persuna tista' timmaġina futuri mixtieqa u huma vitali għall-istil ta' ħajja Ewropew. Dawn jipprovdu pjattaforma għad-djalogu pubbliku, jgħaqqdu l-komunitajiet, jarrikkixxu l-ħajjiet, joħolqu koeżjoni fis-soċjetajiet tagħna u huma vettur importanti għall-azzjoni esterna tal-UE. L-UE tista' tisfrutta l-assi kulturali tagħha biex tibni r-reżiljenza, tippromwovi l-paċi u d-demokrazija, u tispira soluzzjonijiet innovattivi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.
- e) Il-kultura hija riżorsa strateġika għall-UE biex taffaċċa r-realtajiet urġenti tal-lum, bħat-tensjonijiet ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi, it-tiżhin globali u d-degradazzjoni ambjentali, l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, il-bidliet teknoloġiċi rapidi, il-bidliet demografiċi, u kriżi tas-saħħa mentali. Fl-istess ħin, is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi, inkluż l-industriji awdjoviżivi, jaffaċċaw l-isfidi tagħhom stess, li jeħtieġu appoġġ immirat u azzjoni deċiżiva.
- f) Din id-dikjarazzjoni tartikola viżjoni strateġika fit-tul biex il-kultura titqiegħed fil-qalba tal-identità tal-Ewropa, filwaqt li tibni wkoll fuq il-kisbiet tal-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura. Hija tenfasizza l-importanza tal-kultura għall-individwi, għall-komunitajiet u għall-UE, u ssaħħa id-drittijiet u l-prinċipji kulturali. Hija tirrikonoxxi li l-attivitajiet, il-prodotti u s-servizzi kulturali jwasslu identitajiet, valuri u tifsiriet. Tafferma mill-ġdid ukoll li l-Unjoni għandha tiegħu kont tal-aspetti kulturali fl-azzjonijiet kollha tagħha, b'mod partikolari sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha.
- g) Filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol ta' appoġġ tal-UE fil-qasam tal-kultura, din id-dikjarazzjoni tafferma impenji u responsabbiltajiet politiċi kondiviżi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea – fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità sħiħa mad-dritt tal-UE – ispirati mid-direzzjonijiet ewlenin stabbiliti fil-Boxxla Kulturali għall-Ewropa tal-Kummissjoni tal-2025.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa

Għandna l-għan li nipromwovu u li nippożizzjonaw il-kultura kemm bħala riżorsa kif ukoll bħala benefiċjarju tal-unità, tad-demokrazija, tad-diversità, tal-eċċellenza u tal-kompetittività Ewropej. U, għalhekk, nimpenjaw ruġna li:

- Insaħħu r-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala xprunatur kulturali globali u ċentru vibranti ta' kreattività, fejn kulħadd jista' joħloq, jaċċessa u jinvolvi ruġu liberament mal-kultura; rwol li jappoġġa d-drittijiet kulturali, jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lill-professjonisti kreattivi.
- Niżguraw li l-kultura tibqa' forza li tixpruna n-nisġa soċjoekonomika u territorjali tal-Ewropa filwaqt li nirrikonoxxu l-valur intrinsiku, soċjetali, ċiviku u ekonomiku tal-kultura, u l-potenzjal trasformattiv tagħha.
- Nipromwovu miżuri biex nagħtu s-setgħa, nirnexxu, ninnovaw u nikkompetu globalment.
- Nirrikonoxxu l-valur intrinsiku tal-kultura u r-rwol tagħha bħala ġid pubbliku, li jikkontribwixxi għar-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli tal-UE.

F'allinjament ma' dawn l-impenji u l-erba' direzzjonijiet ewlenin tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, niddikjaraw it-tħaddin tagħna tal-prinċipji li ġejjin għall-politiki kulturali fl-Ewropa.

1. **Il-libertà tal-espressjoni artistika** u l-libertà tal-ħolqien huma l-pedamenti tal-kultura, u għandhom rwol indispensabbli fit-trawwim ta' soċjetajiet demokratiċi u fiż-żamma tal-valuri Ewropej.

Nimpenjaw ruġna li:

- Nissalvagwardaw il-libertà tal-espressjoni artistika u r-rispett tal-valuri tal-UE bħala pedament tad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea.
- Nipproteġu lill-artisti u lill-professjonisti kulturali miċ-ċensura, mill-intimidazzjoni, u minn interferenza bla bżonn.
- Nipproteġu l-indipendenza tal-istituzzjonijiet kulturali.

2. **Id-diversità kulturali u lingwistika** huma valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-UE. Nimpenjaw ruġna li:

- Nappoġġaw, niċċelebraw u nippreservaw id-diversità kulturali u lingwistika għanja tal-Unjoni Ewropea u s-sovranità kulturali tagħha.
- Nippromwovu d-diversità rikka ta' xogħlijiet u kontenut kulturali maħluqa fl-Ewropa, b'mod partikolari online, inrawmu l-viżibbiltà u l-iskopribbiltà tagħhom, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE b'rispett sħiħ tad-diversità lingwistika.

3. **L-aċċess għall-kultura** huwa pilastru fundamentali ta' soċjetajiet demokratiċi u inklużivi. Nimpenjaw ruġna li:

- Intejbu l-aċċess inklużiv għall-kultura u għall-wirt kulturali kif ukoll il-parteċipazzjoni fihom u t-tgawdija u l-benefiċċju tagħhom għal kulħadd, speċjalment il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh.
- Nagħtu attenzjoni partikolari lid-drittijiet kulturali, li jinkludu l-aċċess għall-kultura, ta' persuni vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabbiltà, persuni emarġinati jew żvantaġġati, u persuni li jgħixu f'żoni rurali, remoti jew mhux moqdiġin tajjeb – inkluż żoni f'riskju ta' depopolazzjoni jew li jkunu qed jaffaċċaw sfidi soċjoekonomiċi.
- Insaħħu u ntejbu l-infrastruttura kulturali madwar l-Ewropa, filwaqt li nagħtu attenzjoni lill-indirizzar tad-disparitajiet soċjoekonomiċi u territorjali u nrawmu parteċipazzjoni kulturali fil-livell lokali.

4. Kulħadd għandu d-dritt għal **kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, ġusti, tajbin għas-saħħa u sikuri**, inkluż l-artisti u l-professjonisti kulturali li huma fil-qalba tas-setturi u tal-industriji kulturali u kreattivi tagħna. Remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati huma fundamentali għal-libertà artistika u d-diversità kulturali. Nimpenjaw ruġna li:

- Nippromwovu, filwaqt li nirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, remunerazzjoni ġusta, protezzjoni soċjali adegwata, aċċess għall-iżvilupp tal-ħiliet u mobbiltà għall-artisti u għall-professjonisti kulturali kollha kif ukoll li nappoġġaw id-drittijiet ta' negozjar kollettiv tagħhom u li nrawmu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, inkluż is-saħħa mentali tagħhom.
- Nippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kultura u l-wirt kulturali, u li nipproteġu d-drittijiet tal-artisti u tal-professjonisti kulturali b'diżabilità.

5. **Iż-żgħażaġh** huma kruċjali fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa u tax-xenarju kulturali divers tagħha. Nimpenjaw ruġna li:

- Nippromwovu r-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politiki kulturali biex namplifikaw il-vuċijiet tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom.
- Nappoġġaw l-artisti żgħażaġh u daww emerġenti, inkluż persuni marġinalizzati u żvantaġġati, filwaqt li nirrikonoxxu l-kontribut tagħhom għall-kultura u l-wirt kulturali tal-Ewropa.
- Inħeġġu l-kooperazzjoni interġenerazzjonali u l-iskambju bejn l-artisti biex jiġi żgurat it-trasferiment tal-ħiliet, l-għarfien u t-tradizzjonijiet.

6. Is-sinerġija bejn **il-kultura, l-arti, u l-edukazzjoni** hija fundamentali għall-iżvilupp u għall-prosperità ta' soċjetajiet futuri. Nimpenjaw ruġna li:
- Inrawmu l-edukazzjoni tal-arti għal kulħadd fit-tagħlim formali, mhux formali u informali, bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja, u b'hekk nikkontribwixxu għad-diversità u r-reżiljenza tal-UE.
 - Nappoġġaw l-approċċ tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija, arti u matematika (STEAM, Science, Technology, Engineering, Arts, and Mathematics) u sinerġiji interdixxiplinari u transdixxiplinari bejn il-kultura, l-arti, ix-xjenza u t-teknoloġija.
7. L-involviment kulturali wera impatti pożittivi fuq **is-saħħa u l-benesseri** tal-individwi u tal-komunitajiet. Nimpenjaw ruġna li:
- Nippromwovu – permezz tal-politiki tagħna – l-effetti pożittivi tal-kultura u tal-parteċipazzjoni kulturali fuq is-saħħa u l-benesseri.
 - Nikkondividu l-aħjar prattiki u approċċi innovattivi fis-setturi kollha.
8. L-użu, l-iżvilupp u l-governanza etiċi, sostenibbli u responsabbli tas-sistemi tal-**intelliġenza artifiċjali (IA)** għandhom irawmu l-kreattività tal-bniedem permezz ta' approċċ ġust iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet. Dan għandu: jirrispetta d-drittijiet kulturali, l-aċċessibbiltà, l-inklużività u d-diversità kulturali; jippromwovi u jikkontribwixxi għall-iskopribbiltà u l-viżibbiltà tal-kontenut Ewropew, nazzjonali u lokali; irawwem il-kompetittività; jiġġielew id-distakki diġitali; u jrawwem l-inklużjoni diġitali. Nimpenjaw ruġna li:
- Nippromwovu l-ħolqien mill-bniedem u s-sovranià diġitali, kulturali u lingwistika Ewropea, u nindirizzaw ir-riskji etiċi tal-preġudizzji u l-omoġenizzazzjoni kulturali.
 - Nipproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, billi nindirizzaw l-impatti tal-IA fuq il-kreaturi u r-remunerazzjoni ġusta tagħhom, filwaqt li nħaddnu l-innovazzjoni.

- Inrawmu trasparenza tal-kontenut iġġenerat mill-IA sabiex tiġi ffaċilitata d-distinzjoni bejn il-kontenut iġġenerat mill-bniedem u dak iġġenerat mill-IA.
- Nimmonitorjaw u nimmitigaw l-impatt tal-IA fuq l-impjiegi kif ukoll li nappoġġaw is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi fl-adattament għall-bidla teknoloġika u l-akkwist ta' ħiliet diġitali.
- Inrawmu l-użu tal-IA bħala għodda biex jiġu appoġġati l-professjonisti kulturali u kreattivi u biex is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi jkunu jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet offruti minn dawn it-teknoloġiji, u b'hekk insaħħu l-kapaċità ta' innovazzjoni u l-kompetittività teknoloġika globali tal-Ewropa.

9. **Il-wirt kulturali** jgħaqqad il-passat tagħna mal-futur tagħna. Huwa simbolu ta' għaqda fid-diversità u pedament tal-identità, tad-demokrazija u tar-reżiljenza tagħna. Nimpenjaw ruġna li:

- Nipproteġu, nissalvagwardaw u nippromwovu l-wirt naturali u kulturali għani tal-Ewropa – kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli – filwaqt li nisfruttaw it-teknoloġiji diġitali biex inrawmu l-preservazzjoni, l-aċċess u l-innovazzjoni tiegħu.
- Intejbu s-sensibilizzazzjoni, ir-riċerka u l-bini tal-kapaċità, u l-użu u l-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-data u tat-teknoloġiji diġitali biex naffaċċaw it-theddida tat-traffikar ta' proprjetà kulturali u reati relatati oħra, filwaqt li nrawmu l-kooperazzjoni fost il-professjonisti rilevanti, bħall-professjonisti tal-wirt, tal-infurzar tal-liġi jew doganali, inkluż fil-kuntest internazzjonali.
- Inrawmu l-iskambju interġenerazzjonali biex niżguraw it-trażmissjoni tal-wirt kulturali u tal-għarfien minn ġenerazzjonijiet akbar fl-età għal ġenerazzjonijiet iżgħar.

10. Il-kultura u l-wirt kulturali jrawmu **l-iżvilupp reġjonali u territorjali, ir-reżiljenza, il-koeżjoni soċjali u l-konverġenza** bejn ir-reġjuni tal-Ewropa. Jeħtieġ ukoll li jiġu protetti fi żminijiet ta' kriżi, inkluż minn riskji bħall-effetti tat-tibdil fil-klima. Nimpenjaw ruġna li:

- Nisfruttaw il-potenzjal tal-kultura u tal-wirt kulturali, f'sinerġija ma' oqsma oħrajn, biex tingħata spinta lill-attraenza tat-territorji kollha u biex nindirizzaw l-isfidi territorjali, inkluża l-ġlieda kontra t-tnaqqis demografiku, speċjalment f'żoni periferiċi, rurali, remoti u mhux moqdiġin tajjeb, u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.
- Navvanzaw it-turiżmu kulturali sostenibbli, b'rispett għall-wirt kulturali, il-pajsaġġi u l-prattiki komunitarji, u li nikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali u lokali.
- Nesploraw modi differenti kif nintegraw il-kultura u l-wirt kulturali fil-kooperazzjoni rigward it-tnejjja għall-kriżijiet, fis-sigurtà u l-ippjanar ta' tnejjja għall-kriżijiet, fil-ġestjoni tal-kriżijiet u tar-riskji, fir-rikostruzzjoni ta' wara l-kriżi, u fil-proċessi ta' rkupru u ta' konsolidazzjoni tal-paċi.

11. Il-kultura, inkluż il-wirt kulturali, hija kruċjali fil-**bidla lejn is-sostenibbiltà ambjentali** peress li ssawwar valuri, imġiba u Prattiki li jirfdu l-iżvilupp ambjentalment responsabbli. Nimpenjaw ruġna li:

- Nenfasizzaw l-importanza tal-kultura fir-rispons politiku għall-isfidi ekoloġiċi, billi nippromwovu s-salvagwardja tal-arkitettura, tad-disinn, tal-wirt, il-ġestjoni tal-pajsaġġi li tfittex li tilħaq il-kwalità, l-innovazzjoni, l-inklużjoni u l-eċċellenza, kif ukoll billi nħeġġu l-adozzjoni ta' għodod u ħiliet prattiċi ta' ekoloġizzazzjoni u nippermettu lill-aġenti kulturali u tal-wirt imexxu u jibdli n-narrattivi f'kokreazzjoni mal-komunitajiet.

12. L-inseguwiment tal-ambizzjonijiet ta' din id-dikjarazzjoni u l-ingranaġġ sħiħ tal-impatti trażversali tal-kultura tfisser il-promozzjoni tal-kultura fil-politiki interni u esterni tal-UE, l-indirizzar tal-ħtiġijiet tas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi u l-investiment fihom, u l-monitoraġġ tal-progress. Nimpenjaw ruġna li:
- Nappoġġaw is-sostenibbiltà tas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi u s-salvagwardja tal-wirt kulturali, inkluż billi nħeġġu forum differenti ta' finanzjament u nikkunsidraw modi innovattivi u alternattivi ta' finanzjament fil-livelli kollha ta' governanza.
 - Niżguraw integrazzjoni kulturali effettiva fl-istrategġiji, fil-politiki u fl-azzjonijiet rilevanti tal-UE, u fl-għodod ta' finanzjament korrispondenti, mill-fażi bikrija tat-tfassil sal-implimentazzjoni.
 - Insaħħu ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tax-xogħlijiet kulturali Ewropej fid-diversità kollha tagħhom.
 - Inżommu djalogu mill-qrib u regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.
 - Nippromwovu din id-dikjarazzjoni – fi ħdan ir-rwoli u s-setgħat rispettivi tal-firmatarji – fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, u nrawmu l-kollaborazzjoni fi ħdan fora multilaterali.
 - Navvanzaw inizjattivi mmirati lejn it-titjib tad-disponibbiltà ta' data soda u komparabbli dwar il-kultura biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' politiki kulturali bbażati fuq l-evidenza.
 - Nirrieżaminaw il-progress fl-oqsma koperti f'din id-dikjarazzjoni.